MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 285/1997/1

**Pauline Camilleri**

***Versus***

**Edward DeGaetano**

F'din il-kawża l-attriċi qiegħda tfittex għad-danni li ġarrbet meta korriet meta kienet riekba bħala passiġġier f'karrozza misjuqa mill-konvenut.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi fis-6 ta' Frar 1996, fil-Floriana, meta l-attriċi kienet riekba fil-karrozza tal-konvenut, il-konvenut ħabat ma' *bus* u l-attriċi korriet u għadha tbati sallum; minħabba f'hekk, għamlet ħafna spejjeż ta' tobba u mediċini. Billi qiegħda tgħid illi l-ħtija kienet tal-konvenut waħdu, l-attriċi fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti, wara li tgħid illi l-konvenut jaħti u għandu jagħmel tajjeb għad-danni, tillikwida d-danni u tikkundanna l-konvenut iħallasha d-danni hekk likwidati flimkien ma' l-ispejjeż, fosthom dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-23 ta' Diċembru 1996.

Il-konvenut ressaq l-eċċezzjoni illi ma jikkontestax il-ħtija, iżda jridu jiġu likwidati d-danni illi tassew ġarrbet l-attriċi.
B'dikriet ta' l-1 ta' Diċembru 1998 il-qorti ħatret espert mediku sabiex jirrelata dwar id-debilità tal-konvenuta, u l-espert sab illi l-attriċi għandha debilità li ma tfieqx minnha ta' ħamsa fil-mija (5%) minħabba fl-inċident. Il-konvenut talab il-ħatra ta' periti addizzjonali u dawn sabu illi d-debilità hija ta' tlieta fil-mija (3%).
Meta korriet l-attriċi kellha tnejn u sittin (62) sena u dak iż-żmien kienet tagħmel xogħol privat ta' *nurse*. Xehdet illi kienet iddaħħal xi seba' mitt lira (Lm700) fis-sena minn dan ix-xogħol. Għalkemm ma nġibux provi ta' dan il-qligħ, il-qorti tqis illi huwa raġonevoli u għalhekk toqgħod fuq il-kelma maħlufa ta' l-attriċi. Meta tqis l-età ta' l-attriċi u illi xogħol privat mhux bilfors tieqaf tagħmlu meta tilħaq l-età tal-pensjoni, il-qorti hija tal-fehma illi *multiplier* ta' ħames (5) snin huwa wieħed xieraq.
Għalkemm id-debilità permanenti ta' l-attriċi hija ta' tlieta fil-mija (3%), madankollu minnufih wara l-inċident għamlet xi żmien li ma setgħet taħdem xejn u għalhekk tilfet il-qligħ kollu. F'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk il-qorti tillikwida l-*lucrum cessans* fis-somma ta' ħames mija u ħames liri (Lm505).
Għal-likwidazzjoni ta' *damnum emergens* l-attriċi esebiet prospett u riċevuti b'nota ta' l-24 ta' Mejju 2004. B'kollox qiegħda titlob elfejn, tliet mija u tlittax-il lira (Lm2,313)[1].
Għalkemm mhux il-partiti kollha huma ġustifikati b'riċevuti, billi, fiċ-ċirkostanzi, riċevuta mhux dejjem setgħet tinkiseb, il-qorti hija tal-fehma illi l-ispiża hija waħda raġonevoli, u għalhekk sejra terġa' toqgħod fuq il-kelma maħlufa ta' l-attriċi u tillikwida d-*damnum emergens* fis-somma ta' elfejn, tliet mija u tlittax-il lira (Lm2,313).
Billi wkoll fil-ġejjieni l-attriċi tkun teħtieġ mediċini minħabba fil-ġrieħi li ġarrbet, il-qorti hija tal-fehma illi jkun xieraq li tkun likwidata somma oħra sabiex tagħmel tajjeb għal dawk l-ispejjeż li l-attriċi sejra jkollha tagħmel fis-snin li ġejjin. Għal dan il-għan il-qorti qiegħda *arbitrio boni viri* tillikwida s-somma ta' mitt lira (Lm100) fis-sena għal tlittax-il (13) sena, b'kollox elf u tliet mitt lira (Lm1,300).

---

[1] *Foll.* 82 *et seqq.*

Billi l-ħlas sejjer isir aktar minn disa’ snin wara l-inċident, ma hux il-każ illi jsir xi tnaqqis talli l-attriċi sejra tingħata *lump sum*.

Il-qorti għalhekk tillikwida d-danni b’kollox fis-somma ta’ erbat elef, mija u tmintax-il lira (Lm4,118), u taqta’ l-kawża billi tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi d-danni hekk likwidati flimkien ma’ l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------